**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**DR. ANDREW SCIBERRAS**

**Illum 30 ta' Ottubru 2017**

**Rikors Numru 21/2016**

**Edmond Fenech**

**Vs**

**Transport Malta**

## It-Tribunal,

Ra r-rikorsipprezentat minn **Edmond Fenech** fil-5 ta' April 2016 li permezz tieghu ippremetta s-segwenti:-

*"Illi l-esponent jiggestixxi n-negozju maghruf bhala Edmond Garage u ghandu licenzja tal-operar tal-garr tal-passiggieri;*

*Illi l-esponent kien oggezzjona ghall-avviz ta' penali amministrattiva kif ukoll ikkontesta l-intenzjoni tal-intimata li timponi penali amministrattiva ta' €100 u 10 punti ta' penali;*

*Illi kif jidher mic-cirkostanzi tal-kaz, tali decizjoni tal-intimat hi kkunsidrata bhala azzjoni drakonjana u esagerata ghac-cirkostanzi tal-kaz;*

*Illi Transport Malta harget rifjut kontra l-oggezzjoni maghmula mill-esponent b'ittra datata 21 ta' Marzu, 2016 minghajr ma nghata raguni ghalxiex;*

*Illi preliminarjament, l-esponent jirrileva li tali rifjut ta' Transport Malta permezz ta' ittra datata 21 ta' Marzu, 2016 hi nulla minhabba li ma ssemmiex ir-ragunijiet u l-argumentazzjoni ghaliex ir-rapprezentazzjonijiet tal-esponent gew michuda;*

*Illi dan hu dritt bazilari li l-intimat naqas li jhares u jsegwi;*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jirrileva illi ma kienx hu li kien qed isuq il-vettura fil-jum in kwistjoni;*

*Illi ghalhekk l-esponent mhuwiex il-legittimu kuntradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju u semmai kellhom jinhargu akkuzi kontra s-sewwieq jekk naqas f'xi haga;*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-esponent jissottometti li huwa qatt ma ta struzzjonijiet lil xi mpjegat biex xi vettura tithalla barra fit-triq matul il-lejl.*

*Illi in oltre dan, il-min-van dejjem jigi pparkjat gewwa l-garaxx izda dakinhar dan il-van ma kienx qed jinsaq mill-esponent izda minn impjegat tieghu li wasal minn 'night tour' wara nofsillejl u billi kien se jerga' juzah fl-4.00am, ha decizjoni li dak ma kienx hin li joqghod jiftah il-garaxx bl-istorbju li dan igib mieghu;*

*Illi l-esponent jirrileva li Triq Misrah il-Barrieri hi triq residenzjali u tmiss ma' Triq Mikiel Anton Vassalli;*

*Illi l-esponent jikkonferma li l-vettura in kwistjoni qatt ma thalliet barra qabel din il-gurnata u c-cirkostanzi kif fuq spjegati juru li dan ma kienx xi kaz ta' traskuragni jew ta' nuqqas ta' harsien tar-regolamenti, izda decizjoni ta' impjegat li ma ried jaghmel strobju f'hinijiet tal-mistrieh meta kien se jerga' juza l-istess 'mini-van' 4 sighat wara;*

*Illi fi kwalunkwe kaz l-esponent ma kienx mal-impjegat tieghu f'dak il-hin li gie pparkjat il-'mini-van';*

*Illi l-esponent itenni bil-qawwa kollha li huwa qatt ma ta struzzjonijiet lil xi mpjegat minn tieghu li jhalli vettura barra u ghalhekk ma jistax jehel ta' allegat nuqqas daparti ta' terzi;*

*Illi ghalhekk, skont dak summenzjonat, l-esponent isostni li l-oggezzjoni minnu maghmula ghandha tintlaqa' minn Transport Malta u li ghalhekk certament ma jkunx gustifikat il-fatt li jinhareg rifjut ghall-imsemmija oggezzjoni;*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn premessi l-esponent jitlob bir-rispett li dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu:*

*1. Qabelxejn u qabel is-smiegh ta' dan l-appell skont il-ligi, dan it-Tribunal jiddikjara ghal kull bon fini li qed jissospendi l-effetti tar-rifjut tal-oggezzjoni minn Transport Malta datata 21 ta' Marzu, 2016;*

*2. Jiddikjara in linja ta' revizjoni tad-decizjoni ta' Transport Malta intimat, illi r-rifjut tal-oggezzjoni tal-esponent Edmond Fenech ghandu jigi revokat u li ghalhekk thassar u tirrevoka d-decizjoni ta' Transport Malta datata 21 ta' Marzu, 2016 fil-konfront tal-esponent u*

*konsegwentement jigu accettati l-oggezzjonijiet tal-esponent ghal wahda mir-ragunijiet sumenzjonati;*

*3. Jordna lill-intimat Transport Malta sabiex f'dan il-kaz ma jezigix il-hlas tal-penali amministrattiva ta' €100 u 10 punti penali;*

*4. Jordna kwalunkwe provvediment iehor xieraq u opportune fic-cirkostanzi."*

Ra ir-risposta tal-**Awtorita` intimata**ipprezentata fit-18 ta' April 2016 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

*"*

1. *Illi d-decizjoni raggunta mil-Board ta' Rappresentazzjnijiet tal-*Awtorita *ghat-Trasport f' Malta ta l-21 ta' Marzu 2016 ghandha tigi konfermata stante illi hija wahda gusta u timmerita konferma.*
2. *Illi, fil-mertu, filwaqt li jigi rimarkat li l-appellant ma hux ikun korrett meta jghid li din kienet l-ewwel darba li halla l-vettura mertu ta dan il-kaz barra, u dan kif jirrizulta mid-dokument hawn anness markat bhala EZ 1, naqas milli jressaq, fir-rappresentazzjonijiet tieghu quddiem l-Awtorita, u anke quddiem dan l-Onrabbli Bord, xi raguni valida ghalfejn l-Awtorita ma ghandhix timponi s-sanzjonijiet imposti mir-Regolament 62 (a), (b), (c) tal-Legis lazzjoni Sussidjarja 499.56 fid-dawl ta da nil-ksur tar-Regolamenti."*

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti ipprezentati;

Ra li r-rikors gie mholli ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 15 ta' Marzu 2016 li permezz taghha infurmatu li kienet qed timponi fuqu penali amministrattiva ta' mitt ewro (€100) u ghaxar (10) punti ta' penali peress li kiser Regolament numru 62 (a), (b) u (c) tar-Regolamenti Dwar is-Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri (Legislazzjoni Sussidjarja 499.56).

Illi r-Regolament citat, kif kien fiz-zmien meta harget id-decizjoni tal-Awtorita` intimata, kien jghid is-segwenti:-

*"L-operatur ghandu jizgura li kull vettura ghall-garr tal-passiggieri fl-operat tieghu skont il-licenza tal-operatur ghandha, f'kull hin meta ma tkunx qed tintuza:*

*(a) Tinzamm fil-garaxx; jew*

*(b) Ma tkunx ipparkjata fit-triq; jew*

(c) *Tkun ipparkjata f'post adatt li ma jkunx f'distanza ta' hames metri minn tarf ta' xi binja, sew jekk abitata sew jekk le, jew kull struttura ohra li ghandha xi valur storiku jew kulturali...."* [1]

Illi mill-provi jirrizulta illi l-punti penali u l-multa amministrattiva gew imposti fuq ir-rikorrenti peress li kellu vettura ghall-garr tal-passiggieri, bin-numru ta' registrazzjoni IPY-032, li kienet giet parkeggjata fit-triq meta din ma kinitx qed tintuza. Illi mill-*prime note* tal-ufficjal tal-Awtorita` intimata jirrizulta illi l-istess vettura kienet ipparkjata fi Triq Misrah il-Barrieri, Msida fis-27 ta' Frar 2016 fit-3.30am.

Illi **r-rikorrent** xehed illi huwa sid tal-garage bl-isem "Edmond Garage" li jopera servizz ta' *taxis* u *minibuses*. Jispjega li fir-rigward tal-vettura in kwistjoni din kienet qieghdha tigi misjuqa minn haddiem tieghu, certu Stephen. Peress li l-imsemmi xufier kien spicca xoghol fin-12.30am u kien imissu jerga' xoghol fl-4.00am kien halla l-vettura barra biex ma jaghmilx hsejjes bil-bieb tal-garage f'dawn il-hinijiet bikrin ta' filghodu. Jghid li hu, bhala s-sid, kien jaghti struzzjonijiet lix-xufiera biex il-vannijiet idahhluhom fil-garage. Illi ghalkemm ir-rikorrent esebixxa *journey report* tal-gurnata in kwistjoni jirrizulta illi dan kien jirreferi ghall-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IPY-016 u mhux ghall-vettura IPY-032 li dwarha harget id-decizjoni appellata.

Illi **Stephen Psaila** xehed illi huwa jahdem bhala xufier ma' Edmond Garage. Jghid li fil-gurnata in kwistjoni kien spicca xoghol minn *night tour* li spicca fin-12.30am u mar jipparkja l-vann fit-triq tal-garage biex ma jaghmlx storbju zejjed meta jsirlu l-hin ghall-vjagg li kien imiss fl-3.45am. ghalkemm l-imghallem kien jghidilhom biex il-vannijiet idahhluhom fil-garage.

**Ernest Mifsud**, ufficjal tal-Awtorita` intimata, spjega illi fis-27 ta' Frar 2016 ghall-habta tat-3.30am huwa ghamel spezzjoni fejn sab li l-van bin-numru ta' registrazzjoni IPY-016 kien qieghed ipparkjat barra. Jghid li huma kellhom rapporti dwar vannijiet fit-triq u gimgha qabel is-27 ta' Frar 2016 kienu diga marru u hallew notifika mal-van biex dan ma jithallhiex barra ghax inkella jista' jigi mharrek.

**Clint Pulis**, ufficjal tal-Awtorita` intimata, stqarr illi meta hu u l-kollega tieghu Mifsud ghamlu l-ispezzjoni odjerna kien hemm zewg vannijiet ipparkjati fuq barra. Huwa harrek il-van bin-numru ta' registrazzjoni IPY-032. Pero` a differenza tax-xhud Ernest Mifsud huwa ma kiex konxju illi kienu saru xi rapporti precedentement dwar l-istess vannijiet u lanqas li kien halla xi notifika lil sid il-vannijiet biex ma jhallihomx ipparkjati fit-triq.

[1] Permezz tal-Avviz Legali 365/16 is-subinciz (c) gie mhassar

**Ikkunsidra:**

Illi l-fatti ta' dan l-appell huma pjuttost semplici. M'hemmx negazzjoni illi fil-fatt il-van bin-numru ta' registrazzjoni IPY-032 kien fil-fatt ipparkjat fit-triq meta ma kienx qieghed jintuza. Hemm biss spjegazzjoni da parti tas-sid u tax-xufier tal-istess van ghala dan kien qieghed barra fis-sighat bikrin ta' bil-lejl.

Illi l-ispjegazzjoni offruta hija illi x-xufier ma dahhalx il-vettura in kwistjoni fil-garage peress li kien se jerga' johrog fuq il-hidma tieghu fi ftit sieghat u ghalhekk kien se jkun iktar ta' inkonvenjent ghall-girien li jisimghu il-bieb tal-hadid tal-garage jinfetah u jinghalaq fl-4.00am.

Illi t-Tribunal sejjer jibda biex jissorvola kwistjoni preliminari mqajjma mir-rikorrent fir-rikors promutur, u cioe`, illi d-decizjoni tal-Awtorita` intimata li permezz taghha irrifjutat is-sottomissjonijiet maghmula minnu ma ssemmix ir-ragunijet ghaliex l-istess sottomissjonijiet gew michuda. Illi filwaqt li huwa veru li d-decizjoni appellata bl-ebda mod ma taghti xi raguni ghaliex is-sottomissjonijiet mressqa mir-rikorrent gew michuda, dan ma jwassalx biex tali decizjoni tista' titqies bhala wahda nulla. Illi jigi rilevat illi fil-pre-avviz mibghut lir-rikorrent, l-Awtorita` intimata gharrfet lir-rikorrent bic-cirkostanzi kollha abbazi ta' liema hija kienet behsiebha timponi l-penali. Illi ghalkemm huwa dejjem awspikabbli li decizjoni ta' awtoritajiet pubblici jkunu motivati, in-nuqqas ta' motivazzjoni ma tannullax tali decizjoni stante li fl-ahhar mill-ahhar ir-rikorrent dejjem ghandu d-dritt jirrikorri quddiem dan it-Tribunal bhala rimedju ahhari kontra d-decizjoni tal-istess Awtorita`.

Illi r-rikorrent qajjem ukoll il-kwistjoni li huwa mhux il-legittimu kontradittur stante li ma kienx hu li kien qieghed isuq il-vettura in kwistjoni u kwindi ma kienx hu li ghamel l-infrazzjoni. It-Tribunal ma jaqbilx ma' dan stante li r-Regolament 62 jimponi obbligu fuq l-operatur li jizgura li l-vettura ma tithalliex ipparkjata fit-triq meta ma tkunx qed tintuza. Mill-provi jirrizulta li r-rikorrent kien jaf li kienet issir din il-prattika, ghalkemm jghid li huwa kien jaghti struzzjonijiet biex il-vettura jiddahlu fl-garage.

Illi fil-mertu, dan it-Tribunal japprezza l-hsieb tar-rikorrent u tax-xufier biex ma jikkreawx inkonvenjent lill-girien, pero`, wiehed lanqas ma jista' jinjora dak dettat mil-ligi. Huwa veru wkoll illi l-Awtorita` intimata, ai termini tar-Regolament 108 (1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 ghandha diskrezzjoni tiponix jew le l-penalitajiet amministrattivi u l-punti tal-peanli preskritti fl-istess Legislazzjoni ghal infrazzjoni tal-istess. Pero`, li kieku dan it-Tribunal kellu jaccetta l-argumenti mressqa mir-rikorrent, allura jkun qieghed jaghti lok ghal abbuz kbir. Dan it-Tribunal huwa cert li, bi ftit hsieb u galbu, il-hsejjes jistghu jigu minimizzati sabiex il-girien ma jkollhomx daqshekk inkonvenjent ta' hsejjes filwaqt li r-rikorrent ikun in regola mal-obbligi imposti fuqu mil-ligi.

Illi ghaldaqstant, dan it-Tribunal ma jista' jara xejn censurabbli fid-decizjoni appellata.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija qieghed jichad l-appell tar-rikorrenti u jilqa' l-eccezzjonijiet tal-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**